31983L0127

L 91/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.4.1983

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Marzu 1983

li temenda d-Direttiva 68/297/KEE dwar l-istandardizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-dħul mingħajr dazju ta' karburant kontenut fit-tankijiet tal-karburant ta' vetturi bil-mutur

(83/127/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 75 u 99 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi d-Direttiva 68/297/KEE ([3]) stabbiliet il-kwantità minima ta' karburant kontenuta fit-tankijiet tal-karburant ta' vetturi kummerċjali bil-mutur li tista' tiddaħħal mingħajr dazju fil-fruntieri interni tal-Komunità;

Billi l-kwantità ta' karburant imsemmija, sabiex tiffaċilita l-passaġġ f'dawn il-fruntieri, għandha tiżdied,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 68/297/KEE, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'effett mill-1 ta' Lulju 1984 l-iktar tard, l-Istati Membri għandhom idaħħlu mingħajr dazju kwantità ta' 200 litru ta' karburant tal-mutur."

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Marzu 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL

([1]) ĠU C 155, tad-9.12.1974, p. 77.
([2]) ĠU C 142, tas-16.11.1974, p. 11.
([3]) ĠU L 175, tat-23.7.1968, p. 15.